MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2011

Avviz Numru. 49/2010

**Valeriano Schembri**

**Vs**

**Kummissarju tat-Taxxi Interni**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors ipprezentat mill-attur Valeriano Schembri nhar it-18 ta' Frar 2010 fejn talab lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallsu s-somma ta' erbat elef mitejn u sitt Euro (€4,206) rapprezentanti somma li l-konvenut, f'mod intempestiv u arbitrarju, unilateralment akkredita a favur tieghu stess mill-kont fiskali ta' l-istess attur.

Bl-ispejjez inluzi dawk ta' l-ittra ufficcjali datata 1 ta' Frar 2010 kontra l-konvenut li huwa ingunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-konvenut Kummissarju tat-Taxxi Interni fejn espona s-segwenti:-

*"Illi l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet ta' l-attur huma kollha infondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti li qed jigu elenkati minghajr pregudizzju ghal xulxin:*

"1. *Illi skond l-artikolu 48 (2c) ta' l-Att Dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa (KAp 372) l-esponent kummissarju ghandu jedd inaqqas minn kull hlas lura dovut lil persuna kull taxxa, taxxa addizjonali jew imghax li jista' jkun dovut minn dik il-persuna taht l-att dwar it-Taxxi.*

*2. Illi b'applikazzjoni ta' l-imsemmi artikolu fid-19 ta' Gunju 2009, l-esponent kkredita surplus ta' taxxa mis-sena stima 2005 fl-ammont ta' erbat elef mitejn u sitt Euro (€4,206) kontra arretrati ta' taxxa, taxxa addizzjonali u interessi dovuti mill-attur ghas-sena ta' stima 2002.*

*3. Illi l-esponent kien legalment korrett fl-applikazzjoni ta' dan l-artikolu u ma kien hemm l-ebda agir intempestiv jew arbitrarju kif qieghed jallega l-attur.*

*4. Illi sussegwentement, il-bilanc dovut mir-rikorrenti ghas-sena ta' stima 2002 kien dak ta' erbgha u tletin elf u erbatax-il Ewro (€34,014) rapprezentanti sebgha u ghoxrin elf, hames mija u hamsa u sebghin Ewro (€27, 575) multa u sitt elef, erbgha mija u disa' u tletin Ewro (€6,439) imghaxijiet.*

*5. Illi effettivament mir-records tad-Dipartiment jirrizulta li fid-19 ta' Frar 2010 l-attur qabel li l-ammont dovut minnu lid-Dipatiment tat-Taxxi Interni ghas-sena ta' stima 2002 kien dak ta' erbgha u tletin elf u erbatax-il Ewro (€34,014).*

*6. Illi fil-fatt, fuq il-bazi ta' dak l-ammont ipprevalixxa ruhu mill-iskema mhabbra mill-Ministru skont l-Ordni ta' Ezenzjoni ta' l-4 ta' Settembru 2009 (Dok KTI1 u KTI2).*

*7. Illi jigi precizat li l-imsemmi ftehim ai termini ta' l-Ordni ta' Ezenzjoni gie ffirmat mill-attur fuq bazi volontarja. Skond il-kundizzjonijiet tal-ftehim, meta persuna taccetta li tipprevalixxi ruhha mill-Ordni ta' Ezenzjoni, tkun qed tirtira kull claim li jista' jkollha kontra xi wahda mis-snin in kwistjoni u qed jaccetta l-ammont kif komputat mill-*

*Kummissarju. Isegwi f'dan l-istadju l-ilmenti ta' l-attur huma, ghal dan il-motiv ukoll insostenibbli.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri*."

Ghaldaqstant il-konvenut talab sabiex it-talbiet ta' l-attur jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu, inkluz l-ispejjez ta' l-Ittra ufficcjali responsiva datata 19 ta' Frar 2010 kontra tieghu.

Rat in nota ta' l-attur li permezz taghha huwa esebixxa l-affidavit tieghu (fol. 14). Huwa spjega li f'Gunju 2008 wara xi diskussjoni mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni Interni mela xi formoli ta' aggustament ghas-snin ta' stima elfejn u tnejn (2002) u elfejn u hamsa (2005) u hallas it-taxxa dovuta fejn applikabli permezz ta' cheque datat sitta u ghoxrin (26) ta' Gunju 2008 u kopja tieghu giet esebita minnu u markata bhala Dok A. Peress illi dehrlu li l-interessi u l-multi li kien qed jitlob id-dipartiment kienu esagerati, l-avukat tieghu kien kiteb lill-istess dipartiment sabiex dawn jigu aggustati.

Id-dipartiment irrisponda lura b'ittra fil-15 ta' Gunju 2009 li kopja taghha giet esebita u markata bhala Dok B. Hawn il-Kummissarju tat-Taxxi Interni kien ikkonferma li t-taxxa dovuta kienet thallset (anzi kien hemm bilanc favur l-esponent) u senjatament fit-tielet paragrafu mill-ahhar ikkonferma 'sa llum taxxa proprja dovuta minnek hija €138 kreditu..' Fil-fatt f'dik l-ittra d-Dipartiment kien aggusta l-bilanc ta' interessi w multi dovuti fl-ammont ta' €10,634.

Fl-4 ta' Settembru 2009 l-gvern kien habbar skema sabiex jigu mahfura 90% ta' bilanci dovut lid-dipartiment f'certu kazi w jghid li skond ma kien infurmah l-accountant tieghu, hu kien jaqa' taht tali skema. Mar diversi drabi d-dipartiment sabiex jara x'hemm dovut u inghata *statement* ufficjali halli jkun jista' jissalda l-bilanci pendenti skond din l-iskema, w dejjem qalulu li jrid l-ewwel jircievi *statement* minghand id-dipartiment u mbaghad ikun jista' jhallas.

Fil-fatt dan l-i*statement* wasal fit-12 ta' Dicembru 2009 u mill-ewwel induna li kien hemm zball fih. Dan l-izball kien

jikkonsisti f'*posting* hazin fid-19 ta' Gunju 2009, li bilanc dovut lilu ta' €4,206 la kien intbaghat lilu kif dovut u lanqas kien se mai inqata' mis-somma ta' €10,634 li kien talab id-dipartiment fl-ittra datata 15 ta' Gunju 2009 esebita w immarkata bhala Dok B.

Jghid li kif induna b'dan baghat ittra registrata lid-dipartiment nhar it-22 ta' Dicembru 2009 fejn spjega l-posizzjoni tieghu, u esebixxa kopja taghha inkluz l-i*statment* zbaljat li gew immarkati bhala Dok C et seq. Id-dipartiment tat-Taxxi Interni ma baghat l-ebda risposta, tant li kellu jintavola ittra ufficcjali datata 1 ta' Frar 2010 li kopja taghha giet esebita u mmarkata bhala Dok D.

Ghall-habta ta' l-10 ta' Frar, 2010 id-dipartiment baghat avviz li kien jinkludi abboz ta' ftehim sabiex jissalda l-bilanc zbaljat li kien kitbilhom dwaru f'Dok C u f'Dok D u dan a bazi ta' l-Ordni ta' Ezenzjoni mahruga 2009. Jghid li huwa flimkien ma l-accountant tieghu Brian Spiteri kellhom diversi laqghat mad-dipartiment fejn dawn ghalkemm gharfu li l-adjustment sar wara l-ittra tal-15 ta' Gunju 2009 fejn kien gie kristallizzat l-ammont dovut, (u dan kien ovvju ghax jirrizulta mid-dokumenti tad-dipartiment stess) pero' nsistew li jew ihallas il-bilanc li qed jghidu huma jew ma jidholx fl-iskema.

Jispjega li peress li ma kienx hemm bizzejjed hin sabiex ikollu sentenza tal-Qorti fir-rigward ta' din il-vertenza, kien intavola l-kawza odjerna. Jghid li l-ghada li pprezenta l-kawza odjerna kien hallas lid-dipartiment dak li fil-fehma tieghu kien ghadu dovut, u dan kif jidher mid-dokument E et seq.

Jikkonferma li huwa ma kellu l-ebda *claim* jew oggezzjoni kontra l-komputazzjoni ta' xi wahda mis-snin tat-taxxa, pero' ried li jittranga l-*posting* zbaljat ta' bilanc dovut lilu nhar id-19 ta' Gunju 2009 wara li d-dipartiment kien ikkommetta ruhu fuq il-bilanc ta' €10,634 fil-15 ta' Gunju 2009 u xejn izjed. Kien ghalhekk li ntavola din il-kawza.

Rat in-nota tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni li permezz taghha huwa esebixxa l-affidavit ta' Dr. Stefania Mifsud,

Legal Officer fi hdan id-Dipartiment tat-Taxxi Interni, liema affidavit gie mmarkat bhala Dok SM1 (fol. 40 et seq).

Spjegat li x-xhieda taghha hija bazata fuq dak li rrizultalha mill-file relattiv tal-attur. Ikkonfemat li effettivament ma hemm l-ebda zball fl-i*statement* tat-Taxxa, w ma sar l-ebda *posting* zbaljat mid-dipartiment, kif qed jallega l-attur, u l-ammont kif mitlub u sussegwentement imhallas mill-attur fid-19 ta’ Frar 2010 hu korrett.

Qalet li huwa minnu li fil-15 ta’ Gunju 2009 l-attur kien ircieva ittra mid-Dipartiment, u cioe’ dik esebita w immarkata bhala Dok. B, li turi li fuq talba tal-attur il-Kummissarju tat-Taxxi Interni kien naqqas it-taxxa addizzjonali minn sebgha u ghoxrin elf, hames mija u hamsa u sebghin Ewro (€27,575) ghal sitt elef, tmien mija erbgha w disghin Ewro (€6,894).

Spjegat li dan it-tnaqqis ta’ ghoxrin elf, sitt mija u wiehed u tmenin Ewro (€20,681) fit-taxxa addizzjonali sar bil-kundizzjoni li jithallas sal-31 ta’ Dicembru 2009 flimkien mal-ammont ta’ imghax ta’ ghaxart elef sitt mija u erbgha u tletin Ewro (€10,634) ukoll dovut u rizultanti mill-istess ittra pprezentata minnu bhala Dok B, u liema imghax ma setax jigi ridott ghax skond il-ligi l-kummissarju jista’ jnaqqas l-ammont ta’ taxxa addizzjonali izda ma jistax inaqqas l-ammont ta’ imghax.

Jispjega ghalhekk li skond l-ittra esebita minnu bhala Dok B, l-ammont totali dovut minn l-attur skont l-ittra tal-15 ta’ Gunju 2009 kien dak ta’ sbatax-il elf, hames mija, tmienja u ghoxrin Ewro (€17,528) rapprezentanti taxxa addizzjonali kif imnaqqsa w imghax li kien ghadu dovut minnu.

Tghid ukoll li fid-19 ta’ Gunju 2009 l-ammont ta’ erbat elef, mitejn u sitt Ewro (€4,206) rizultanti minn taxxa imhallsa zejda ghas-sena ta’ stima 2005, gie pacut kontra pendenzi ohra dovuti mir-rikorrent u dan ai termini tal-Artikolu 48 (2C) tal-Att Dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa (kap 372). In oltre li kieku thallas l-ammont kif mitlub skond l-ittra tal-15 ta’ Gunju 2009 mibghuta mid-

Dipatiment, dak l-ammont ta' erbat elef , mitejn u sitt Ewro (€4,206) kien jitnaqqas mill-ammont ta' imghax dovut minnu.

Tghid li l-bilanc ta' sbatax-il elf hames mija w tmienja w ghoxrin Ewro (€17,528) kellu jithallas sal-31 ta' Dicembru 2009, izda l-attur ma hallasx dak l-ammont fiz-zmien stipulat. Kien ghalhekk li r-riduzzjoni ta' taxxa adizzjonali koncessa lilu mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni permezz tal-ittra datata 15 ta' Gunju 2009 ezebita mill-attur bhala Dok B ma baqghetx applikabbli, b'dan illi naqas milli jhares il-kundizzjonijiet li hemm, ossia m'ghamilx il-pagament sal-31 ta' Dicembru 2009, ghalhekk l-ammont dovut rega' gie lura ghall-ammont ta' erbgha w tletin elf u erbatax-il Ewro (€34,014).

Tikkonferma wkoll li fl-4 ta' Settembru 2009 l-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment habbar Ordni ta' Ezenzjoni li permezz taghha minn ihallas bilanci ta' taxxi kif dovuta minnu f'dik id-data billi jiffirma ftehim mibghut minnu u jaghmel il-hlas f'somma wahda, jiffranka 90% tat-taxxa addizzjonali u tal-interessi. Fil-kaz tal-attur fl-4 ta' Settembru 2009, il-gurnata li fiha thabbret l-iskema huwa kellu bilanc ta' taxxa dovuta ta' erbgha w tletin elf u erbatax-il Ewro rapprezentanti taxxa addizzjonali u imghax. Huwa diga' kien hallas il-bilanc ta' taxxa u ghalhekk gie mitlub ihallas l-ammont ta' tlett elf u erba' mitt Ewro (€3,400) skond il-ftehim ipprezentat minnu bhala Dok E, liema ammont huwa rapprezentanti 10% tal-ammont ta' taxxa addizzjonali u imghax kif dovut fl-4 ta' Settembru 2009.

Spjegat illi f'Jannar 2010 l-attur kien mar id-Dipartiment u spjegatlu l-kundizzjonijiet tal-Ordni tal-Ezenzjoni w li l-ammont mitlub minnu kien dak korrett. Minkejja dan fil-5 ta' Frar 2010 il-Kummissarju tat-Taxxi Interni gie notifikat b'ittra ufficcjali prezentata minnu bhala Dok D. Effettivament il-kumissarju tat-Taxxi Interni Interni pprezenta ittra ufficcjali responsiva hawn annessa u mmarkata Dok KTI 3, fejn tenna bil-miktub il-posizzjoni tad-Dipartiment u l-kundizzjonijiet tal-Ordni tal-Ezenzjoni tal-4 ta' Settembru 2009.

Stqarret li fid-19 ta’ Frar 2010 l-attur fuq bazi volontarja ffirma ftehim bin-numru 686735 ipprezentat minnu bhala Dok E u hallas l-ammont ta’ tlett elf, tmien mija u tnejn u ghoxrin Ewro (€3822) li kien ammont li jeccedi dak mitlub mill-Kummisarju tat-Taxxi Interni skond l-ittra mibghuta lilu fil-5 ta’ Frar 2010. Dan il-pagament kien jinkludi l-ammont ta’ tlett elef u erba’ mitt Ewro (€3,400) mitlub mill-Kummissarju skond il-ftehim mibghut lilu fil-5 ta’ Frar 2010 u pprezentat minnu bhala Dok E. Ghalhekk fil-fehma taghha m’hemmx dubbju li l-attur qabel ma l-ammont u accetta fl-intier taghhom il-kundizzjonijiet ta’ l-Ordni ta’ Ezenzjoni.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet ta’ l-attur prezentata fl-atti nhar l-1 ta’ Frar 2011. (fol. 45 et seq.)

Rat in-nota responsiva tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni prezentata fir-registru ta’ din il-Qorti nhar id-29 ta’ Marzu 2011. (fol. 50 et seq.).

Rat ir-rikors tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni tat-13 ta’ Mejju, 2011. Rat li l-izbalji hemm indiakti kienu biss *lapsus calimi* u ghaldaqstant ma hassitx in-necessita’ li tornd n-notifika tieghu.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi prodott jirrizulta s-segwenti:-

1. L-attur fit-3 ta’ Marzu 2009 kien talab lill-intimat sabeix ikollu tnaqqis ta’ taxxa addizzjonali ghas-sena stima 2002.

2. Illi fil-15 ta’ Gunju 2009 l-intimat wiegeb ghat-talba tal-attur permezz ta’ ittra li giet markata bhala DOk B (fol. 17)fejn osserva s-segwenti:-
i. “illi l-ammont finali ta’ taxxa addizzjonali ghas-sena ta’ stima 2002…se jitnaqqas kif gej: minn ammont originali ta’ taxxa addizzjonali ta’ €27,575 ghall-ammont finali ta’ €6,894 (ossia tnaqqis ta’ 75%).

ii. Dan bil-kundizzjoni li l-ammont kollu dovut ..jithallas sal-31 ta' Dicembru 2009 inkluz it-taxxa proprja, it-taxxa addizzjonali.. u l-imghax"
iii. F'kaz li sad-data imsemmija ma jsirx il-hlas mitlub, allura t-taxxa addizzjonali dovuta minnu tibqa' kif kienet qabel it-tnaqqis imsemmi hawn fuq u cioe' fl-ammont ta' €27,575.
iv. Sa dak in-nhar u cioe' 15 ta' Gunju 2009 t-taxxa proprja dovuta kienet ta' €138 kreditu, filwaqt li l-imghax kien ta' €10,772 debitu, total ta' €10,634.
v. Illi ghalhekk l-ammont li kellu jithallsas sal-31 ta' Dicembru 2009 kien ta' <u>€17,528 (sottolinear ta' din il-Qorti)</u> rapprezentanti in kwantu ghal kreditu ta' taxxa €138, imghax €10,772, taxxa addizzjonali (imnaqsa bil-75% ) fl-ammont ta' €6,894.
vi. Gie infurmat ukoll f'din l-istess ittra li d-decisjoni tal-intimat f'dan ir-rigward kienet wahda finali.

3. Illi mill-atti processwali, nonostante dak mitlub mill-intimat Kummissarju tat-Taxxi Interni, l-attur ma hallasx dak mitlub fiz-zmien lilu moghti w ghalhekk ir-riduzzjoni offruta mill-intimat ta' taxxa addizzjonali koncessa permezz tal-ittra datata 15 ta' Gunju 2009 (Dok B) ma baqghetx applikabbli, w l-ammont dovut rega' tela' ghal €34,014.

4. Gara illi pero' li fl- 4 ta' Settembru 2009 l-Ministru tal-Finanzi , l-Ekonomija u Investiment habbar Ordni ta' Ezenzjoni li permezz taghha minn ihallas bilanci ta' taxxa kif dovut minnu f'dik id-data billi jiffirma ftehim mibghut minnu u jaghmel il-hlas f'somma wahda, jiffranka 90%.

5. Jirrizulta li l-gurnata li fiha thabbret l-iskema l-attur kellu debitu mad-Dipatiment tat-Taxxi Interni ta' €34,014 rapprezentanti taxxa u imghax.
6. Issa fil-5 ta' Frar 2010 l-attur ircieva kont mill-intimat (Dok E a fol.22) fejn gie mitlub ihallas l-ammont ta' €3,400 rapprezentanti bilanci ghas-snin ta' stima 1999 sa 2008, liema ittra tissupera l-ittra fuq indikata w immarkata bhal Dok. B datata 15 ta' Gunju 2009. Dan l-ammont jirrapprezenta 10% tat-taxxa addizzjonali u imghax ta' dak

li kellu jhallas l-attur qabel dik id-data, u cioe' fl-4 ta' Settmbru 2009 (bullet 4 u 5).

7. Dan l-ammont imsemmi fid-dokuemnt E ta' €3,400 kellu jithallas sa mhux aktar tard mit-22 ta' Frar 2010.

8. Jinghad ukoll f'dan id-dokument Dok E li jekk ihallas dan l-ammont ta' €3400 sad-data moghtija lilu, dan ifisser li kien qieghed jirtira wkoll kull oggezzjoni jew claim li seta' kellu kontra xi wahda minn dawn is-snin. Dan il-ftehim kien igib in-numru 687375.

9. Issa mill-provi prodotti jirrizulta li l-attur iffirma dan il-ftehim Numru 687375 fid-19 ta' Frar 2010 (fol.23) u baghat ic-cekk fl-amont ta' €3,822 mal-istess ftehim.

10. Skond Dr. Stefania Mifsud, il-Legal Advisor tal-Intimat dan l-ammont ta' €3,822 kien jinkludi l-ammont ta' €3,400 mitluba mill-Intimat fid-Dokument E. X'kienu jirrappresentaw €422 li hallas zejjed l-attur m'hemm l-ebda indikazzjoni fil-process, u dan hu semmai l-ammont zejjed li effettivament fil-fehma tal-Qorti l-attur hallas.

Issa l-attur qed jippretendi li jiehu lura s-somma ta' €4,206 li huwa hallas meta d-Dipartiment tat-Taxxi qabad u unilaterlament ikkredita favur tieghu dan l-ammont, allegatament rapprezentanti *surplus* ta' taxxa mis-sena stima 2005, kontra arretrati ta' taxxa, taxxa addizzjonali w interessi dovuti mill-attur ghas-sena 2002, u dan sar fid-19 ta' Gunju 2009, u dan ai termini ta' l-artikolu 48 (2) (c ) tal-Kap 372.

Illi ghalhekk m'hemmx dubbju li l-allegat kreditu li sar mill-konvenut ghad insaputa tal-attur, sar qabel ma l-attur iffirma d-dokument E esebit fl-atti, w ghalhekk meta l-attur iffirma dan id-dokument huwa kien qieghed jirrinunzja ghal kwalsiasi claim jew oggezzjoni, li huwa kellu pendenti mad-Dipartiment ghas-snin ta' stima 1999 sa 2008. Ghalhekk illum il-gurnata li ffirma dan id-dokument huwa ma jistax jitlob rifuzjoni ta' kwalsiasi flejjes li seta' hallas qabel in konnesjoni mal-istess snin. Din mhix kwistjoni

jekk id-Dipartiment setax jaghmel l-applikazzjoni tal-artikolu 48 (2) (c) tal-kap 372 jew le, izda jekk l-attur kienx intitolat jissalda xi oggezzjoni li kellu pendenti qabel l-iffirmar tal-ftehim Dok. E wara l-iffirmar tieghu. Din mhix il-kwistjoni sollevata mill-attur fin-nota tieghu, ta' jekk id-Direttur tat-Taxxi Interni uzax id-diskrezzjoni tieghu legalment tajjeb jew le, izda jekk l-attur kellux dritt jitlob ir-rifuzjoni ta' flus imhallsa minnu qabel l-iffirmar tal-ftehim datat 20 ta' Frar 2010 (Dok E).

Jidher biss li l-attur hallas zejjed l-ammont ta' €422 meta baghat ic-cekk ghas-saldu ta' dak mitlub fid-dokument E, u ghalhekk illum id-dipartiment ghandu jirrifondi dan l-ammont a bazi tal-istitut ta' *indebito solutio.* Hawnhekk tapplika d-disposizjoni tal-**Artikolu 1021 tal-Kodici Civili** li jiddisponi s-segwenti:- - *"Kull minn jircievi, sew xjentement jew bi zball, haga li hu ma kellux jiehu la taht obbligazzjoni civili lanqas naturali, ghandu jroddha lil dak li min ghandu jkun irciviha bla jedd";*

Kif tajjeb gie osservat fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell nhar l-10 ta' Marzu 2003 fl-ismijiet The Margarine Import Co. Ltd Vs Kontrollur Tad-Dwana:-

*"Huwa innegabbli bhala materja ta' dritt illi "kull hlas jissopponi dejn, u dak li jithallas bla ma jkollu jinghata, jista' jintalab lura" [Artikolu 1147 (1), Kodici Civili]. Izda biex ir-radd tal-hlas mhux misthoqq jista' jintalab lura jehtieg li dak il-hlas ikun sar bi zball. Il-pagament hu maghmul bi zball meta jsir fl-opinjoni zbaljata li tkun qeghda tigi ezegwita obbligazzjoni, minghajr distinzjoni bejn zball ta' fatt u zball ta' dritt, sakemm l-izball ta' dritt ikun il-kawza unika jew principali tal-pagament u l-haga ma tkunx dovuta lanqas ghall-obbligazzjoni naturali.*

*Issa mill-qari ta' l-Artikolu 1022 (1) "hu evidenti li l-fondament ta' l-azzjoni ta' l-indebiti solutio huwa f'min ikun hallas; liema zball ma ghandux japprofitta minnu min ikun irceva l-hlas skond il-massima ta' gustizzja naturali "jure naturae aequum est neminem cum alterius detrimento fieri locupletiorem".*

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell (sede Inferjuri) nhar is-16 ta' Dicembru 2002 fl-ismijiet **Korporazzjoni Enemalta Vs Sacco Renato** gie ritenut is-segwenti:

*"L-estremi mehtiega mil-ligi u mid-duttrina ghall-azzjoni ta` indebiti solutio huma tlieta u cioe:- (a) il-pagament; (b) id-difett ta' kawza, ezempju mankanza jew inezistenza tad-debitu ("indebitus ex re") jew mankanza tal-kwalita' ta' kreditur fl-"accipiens" jew ta' dik tad-debitur fis-solvens ("indebitus ex personis") u (c) l-errur fl-accipiens jew fis-solvens."*

Issa jirrizulta ghas-sodisfazzjoni tal-Qorti li l-attur ghamel zball meta hallas in eccess ta' dak mitlub u baghat cekk fl-ammont ta' tlett elef tmien mija w tnejn u ghoxrin Ewro (€3822) minflok tlett elef u erba' mitt Ewro (€3400) u l-konvenut ma messu qatt accetta l-hlas zejjed li sar peress li ma kienx hemm debitu f'dan is-sens. Konsegwentement jirrizulta li l-konvent ghandu jirrifondi dan l-ammont lill-attur.

**Ghaldaqstant din il-Qorti qieghda tichad it-talba attrici fis-sens li l-konvenut ghandu jirrifondi lura s-somma ta' erbat elef mitejn u sitt Ewro (€4206) ghaliex il-konvenut akkredita a favur tieghu dan l-ammont b'mod intempestiv u arbitrarju, pero' tiddikjara li l-konvenut ghandu jirrifondi s-somma ta' erbgha mija tnejn u ghoxrin Ewro (€422) mhallsa mill-attur minghajr raguni ta' xejn.**

**L-ispejjez ta' din l-istanza jithallsu in kwantu ghal sebgha minn tmienja (⅞) mill-attur u r-rimanenti wiehed minn tmienja (⅛) mill-konvenut.**

**Bl-imghax skond il-ligi.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------